# Linji Gwida

## Dwar xenarji ta’ pjan ta’ rkupru tas-CCP (l-Artikolu 9(12) tas-CCPRRR)

24/03/2023 | ESMA91-372-1701

# Werrej


I. Kamp ta' applikazzjoni ... 3

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet ... 4

III. Għan ... 6

IV. Obbligi ta' konformità u rapportar ... 7

V. Linji Gwida dwar xenarji ta' pjanijiet ta' rkupru tas-CCP ... 8

Linja Gwida 1: L-istabbiliment tan-numru xieraq ta' xenarji li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' rkupru tas-CCP ... 8

Linja Gwida 2: Tipi u sorsi ta' riskju li għandhom jiġu koperti fix-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP ... 9

Linja Gwida 3: Prinċipji għad-determinazzjoni tal-kobor tax-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP ... 11

Linja Gwida 4: Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-deskrizzjoni tax-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP ... 11

Linja Gwida 5: Żamma tax-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP ... 12

VI. Annessi ... 13

# I. Kamp ta' applikazzjoni

**Min?**

1. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tas-CCPRRR u għas-CCPs awtorizzati skont l-Artikolu 14 tal-EMIR.

**Xiex?**

2. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-Artikolu 9(12) tas-CCPRRR, li jagħti l-mandat lill-ESMA biex tispeċifika aktar il-firxa ta' xenarji ta' pjan ta' rkupru li għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta' pjanijiet ta' rkupru tas-CCP imsemmijin fl-Artikolu 9(1) tas-CCPRRR.

3. Dawn il-Linji Gwida għandhom jinqraw flimkien mal-Linji Gwida tal-ESMA dwar l-indikaturi ta' pjan ta' rkupru tas-CCP (ESMA91-372-1702).

**Meta?**

4. Dawn il-Linji Gwida japplikaw minn xahrejn wara d-data tal-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea.

# II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

### Referenzi leġiżlattivi

| | |
|---|---|
| CCPRRR | Ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132[1] |
| EMIR | Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-4 ta' Lulju 2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet[2] |
| Ir-Regolament tal-ESMA | Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE[3] |
| Ir-Regolament ta' Delega 152/2013 | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 152/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar rekwiżiti kapitali għall-kontropartijiet ċentrali[4] |
| Ir-Regolament ta' Delega 153/2013 | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali[5] |

[1] ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1–102
[2] *ĠU L 201, 27.7.2012, p.1*
[3] *ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84*
[4] *ĠU L 52, 23.2.2013, p. 37*
[5] *ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41*

**Taqsiriet**

| | |
|---|---|
| *BERS* | Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku |
| *CCP* | Kontroparti Ċentrali |
| *ESMA* | L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq |
| *KE* | Kummissjoni Ewropea |
| *SESF* | Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja |
| *UE* | Unjoni Ewropea |
| *ŻEE* | Żona Ekonomika Ewropea |

**Definizzjonijiet**

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati f'dawn il-Linji Gwida għandhom l-istess tifsira bħal fis-CCPRRR, fl-EMIR u fir-Regolamenti ta' Delega 152/2013 u 153/2013.

# III. Għan

6. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 9(12) tas-CCPRRR u maħruġa f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-objettivi ta' dawn il-Linji Gwida huma li jistabbilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi ħdan is-SESF u li jiżguraw l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tal-Artikolu 9(1) tas-CCPRRR. Għandhom l-għan li jispeċifikaw il-firxa ta' xenarji ta' pjan ta' rkupru li għandhom jiġu kkunsidrati mis-CCPs meta jfasslu u jżommu l-pjanijiet ta' rkupru tagħhom u mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw dawk il-pjanijiet ta' rkupru.

7. L-objettiv tat-tħejjija tal-firxa ta' xenarji ta' pjanijiet ta' rkupru huwa li tiġi identifikata firxa ta' avvenimenti li jħarsu 'l quddiem ta' diffikultà severa li CCP tista' taffaċċja, li kontrihom tista' tiġi ttestjata l-effikaċja tal-miżuri ta' rkupru u l-adegwatezza tal-indikaturi li jinsabu fil-pjan ta' rkupru tas-CCP.

# IV. Obbligi ta' konformità u rapportar

**Status tal-Linji Gwida**

8. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u s-CCPs għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida.

9. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fl-oqfsa legali u/jew superviżorji nazzjonali tagħhom kif xieraq, inkluż fejn Linji Gwida partikolari huma indirizzati primarjament lejn is-CCPs. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti, permezz tas-superviżjoni tagħhom, għandhom jiżguraw li s-CCPs jikkonformaw mal-Linji Gwida.

**Obbligi ta' rapportar**

10. Fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, l-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jinnotifikaw lill-ESMA jekk dawn (i) humiex konformi, (ii) mhumiex konformi, iżda għandhom l-intenzjoni li jikkonformaw, jew (iii) ma jikkonformawx u m'għandhomx il-ħsieb li jikkonformaw mal-Linji Gwida.

11. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw ukoll lill-ESMA fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida fuq is-sit web tal-ESMA fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE bir-raġunijiet tagħhom għan-nuqqas ta' konformità mal-Linji Gwida.

12. Il-mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-sit web tal-ESMA. Ladarba jimtela l-mudell, dan għandu jiġi trażmess lill-ESMA.

13. Is-CCPs li għalihom japplikaw dawn il-Linji Gwida għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, b'mod ċar u dettaljat, jekk jikkonformawx ma' dawn il-Linji Gwida.

# V. Linji Gwida dwar xenarji ta' pjanijiet ta' rkupru tas-CCP

## Linja Gwida 1: L-istabbiliment tan-numru xieraq ta' xenarji li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet ta' rkupru tas-CCP

14. Is-CCP għandha tinkludi fil-pjanijiet ta' rkupru tagħha mill-anqas xenarju attwali wieħed għal kull wieħed mis-seba' tipi ta' xenarji (kif stabbilit fit-Tabella 1 fl-Anness). Is-CCP għandha tfassal kull wieħed minn dawn ix-xenarji b'tali mod li jixraq l-aħjar għall-karatteristiċi speċifiċi u l-livell ta' kumplessità tiegħu. Meta tfassal dawn ix-xenarji attwali, is-CCP għandha tqis *inter alia*, il-lista ta' "*kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju*" (kif stabbilit fit-Tabella 1 fl-Anness).

15. B'deroga mill-paragrafu preċedenti, is-CCP tista' tikkombina żewġ tipi ta' xenarji f'xenarju attwali wieħed, sakemm i) tali kombinazzjoni ta' tipi ta' xenarji tkun tkopri l-firxa sħiħa ta' suppożizzjonijiet u kunsiderazzjonijiet sottostanti (jiġifieri, il-"*kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju*") kif ukoll it-tipi u s-sorsi rilevanti ta' riskji ffaċċjati mis-CCP; ii) tali kombinazzjoni tkun akkumpanjata minn razzjonal mis-CCP li fih tispjega r-raġunament wara tali kombinazzjoni lill-awtorità kompetenti tagħha u tkun soġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti; u iii) is-CCP xorta waħda toħloq mill-anqas xenarju ta' każ ta' inadempjenza "pur" attwali wieħed (jiġifieri xenarju tat-tip 1, 2 jew 5 jew taħlita tagħhom) u xenarju ta' każ mhux ta' inadempjenza "pur" wieħed (jiġifieri xenarju tat-tip 3, 4 jew 6 jew taħlita tagħhom). Biex jiġi evitat kull dubju, is-CCP ma tistax tikkombina aktar minn żewġ tipi ta' xenarji f'xenarju attwali wieħed.

16. Is-CCP għandha tivvaluta wkoll, abbażi *inter alia* tal-lista ta' "*fatturi għall-valutazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali*" (kif stabbilit fit-Tabella 1 fl-Anness), jekk huwiex meħtieġ li toħloq xenarji attwali addizzjonali għal kull tip ta' xenarju. Il-prinċipju ġenerali biex jiġu interpretati l-fatturi fil-valutazzjoni tal-ħtieġa li jinħolqu x-xenarji attwali addizzjonali għandu jkun:

a) L-applikabbiltà ta' kwalunkwe wieħed mill-fatturi għall-karatteristiċi tas-CCP li twassal għal differenza materjali fi:

(i) Id-disponibbiltà jew l-użu tal-miżuri ta' rkupru;

(ii) L-ordni tal-użu tal-miżuri ta' rkupru;

(iii) Il-passaġġ ta' propagazzjoni tat-telf (eż. mis-CCP għall-membri tal-ikklirjar), li se jiddependi ħafna mir-regoli tal-allokazzjoni ta' telf, li jistgħu jkunu differenti skont l-oriġini tat-telf (eż. kaskata differenti skont is-servizz ikkunsidrat, allokazzjoni ta' telf differenti skont l-oriġini jew il-kobor ta' telf mill-investiment, eċċ.);

(iv) L-impatt fuq il-partijiet ikkonċernati;

b) L-eżistenza ta' subsett(ijiet) ta' entitajiet li minħabba l-impatt materjali tagħhom għandhom jiġu indirizzati b'xenarju individwalizzat.

Biex jiġi evitat kull dubju, dan il-paragrafu japplika wkoll meta s-CCP tikkombina żewġ tipi ta' xenarji f'xenarju attwali wieħed.

17. Barra minn hekk, meta jiġi evalwat il-bżonn li jinħolqu x-xenarji attwali addizzjonali, is-CCP għandha tiżgura, kif spjegat fil-Linja Gwida 2, li l-firxa tagħha ta' xenarji tal-pjanijiet ta' rkupru tipprovdi kopertura komprensiva tat-tipi u tas-sorsi ta' riskju rilevanti kollha.

18. Is-CCP tista' tittestja l-miżuri ta' rkupru relatati bl-użu *inter alia*, tal-lista ta' "*għodod għal valutazzjoni kwantitattiva*" inklużi għal kull tip ta' xenarju (kif stabbilit fit-Tabella 1 fl-Anness) biex tipproduċi impatti kwantitattivi għax-xenarji.

19. Is-CCP tista' tinkludi fil-pjanijiet ta' rkupru tagħha xenarji ulterjuri mhux speċifikati f'dawn il-Linji Gwida mfasslin apposta għall-ispeċifiċitajiet u l-operazzjonijiet tas-CCP.

## Linja Gwida 2: Tipi u sorsi ta' riskju li għandhom jiġu koperti fix-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP

20. Il-firxa ta' xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP għandha tipprovdi kopertura komprensiva "tat-tipi u tas-sorsi ta' riskju rilevanti" kollha. "Tipi u sorsi ta' riskju rilevanti", għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, għandhom jinftiehmu bħala t-tipi u s-sorsi ta' riskju (u l-kombinazzjonijiet l-aktar plawżibbli tagħhom) li jistgħu jaffettwaw severament is-solidità finanzjarja jew il-vijabilità operazzjonali tas-CCP u joħolqu sitwazzjonijiet ta' diffikultà estrema, filwaqt li jibqgħu plawżibbli, li jkunu jeċċedu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tas-CCP meħtieġa taħt l-EMIR (jiġifieri għodod għall-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' "negozju bħas-soltu", bħal bidliet fil-parametri tar-riskji, żieda fil-garanziji, limiti ta' negozjar, eċċ.), u jistgħu jpoġġu f'riskju l-kapaċità tas-CCP li twettaq il-funzjonijiet kritiċi tagħha.

21. Għaldaqstant, is-CCP għandha tivvaluta liema mit-tipi u mis-sorsi ta' riskju, mil-lista ta' hawn taħt, huma rilevanti għas-CCP u għandha tiżgura li l-firxa ta' xenarji ta' pjan ta' rkupru tagħha tkopri dawk kollha li s-CCP tivvaluta bħala "tipi u sorsi ta' riskju rilevanti":

a) Riskju legali;

b) Riskju ta' kreditu;

c) Riskju ta' likwidità;

d) Riskju ta' negozju ġenerali;

e) Riskju ta' kustodja;

f) Riskju ta' saldu;

g) Riskju ta' investiment;

h) Riskju operazzjonali (inkluż riskju ta' frodi u riskju ċibernetiku);

i) Riskju sistemiku;

j) Riskju Ambjentali u tal-Klima;

k) Riskju tas-suq:

- Marbut ma' movimenti tas-suq;
- Marbut mat-tnaqqis ta' disponibbiltà tas-suq (volumi negozjabbli, disponibbiltà u rieda ta' negozjar tal-kontropartijiet tas-suq).

l) Kwalunkwe entità interkonnessa jew fornitur ta' servizzi (f'iżolament jew f'kombinazzjoni), inkluż:

- Membri tal-ikklirjar u klijenti, kemm diretti kif ukoll indiretti;
- Emittenti ta' kollateral jew assi ta' investiment;
- CCPs interoperabbli;
- CSDs;
- Sistemi tal-pagamenti;
- Sistemi tas-saldu ta' titoli;
- Aġenti Nostro;
- Banek kustodju;
- Banek tas-saldu;
- Banek ta' konċentrazzjoni;
- Banek ta' pagament;
- Fornituri ta' likwidità;
- Entitajiet tal-grupp;
- Fornituri ta' servizz oħrajn meħtieġa biex iwettqu funzjonijiet kritiċi matul sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu jew sitwazzjonijiet ta' ġestjoni ta' inadempjenza.

## Linja Gwida 3: Prinċipji għad-determinazzjoni tal-kobor tax-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP

22. Is-CCP għandha tiżgura li x-xenarji ta' pjan ta' rkupru tagħha jkopru s-sitwazzjonijiet li minħabba s-severità tagħhom ikunu jeċċedu l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju tas-CCP meħtieġa skont l-EMIR (jiġifieri għodod għall-ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu) u jpoġġu f'riskju l-vijabilità tas-CCP jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni ta' rkupru.

23. F'dan ir-rigward, ix-xenarji ta' pjan ta' rkupru għandhom ikunu ffukati fuq:

a) Xenarji ta' telf finanzjarju minħabba avvenimenti ta' inadempjenza ta' kobor li jkun jikkonsma r-riżorsi permezz tal-kaskata li teċċedi r-riżorsi prefinanzjati kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 43(2) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew li jinvolvu fallimenti fl-eżekuzzjoni ta' għodod ta' ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu;

b) Xenarji li jiġġeneraw ħtiġijiet ta' likwidità li jeċċedu l-ammonti kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 44(1) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, li jinvolvu fallimenti fl-eżekuzzjoni ta' għodod ta' ġestjoni tar-riskju f'sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu jew bl-użu ta' suppożizzjonijiet differenti rigward il-ħtiġijiet ta' likwidità jew id-disponibbiltà ta' riżorsi li bħala riżultat jiġġeneraw livelli ogħla ta' stress;

c) Xenarji ta' telf finanzjarju minħabba avvenimenti mhux ta' inadempjenza ta' kobor li aktarx se jnaqqsu proporzjon sinifikanti mill-ammont ta' kapital meħtieġ biex ikopri telf mhux inadempjenti kif ikkalkolat f'konformità mar-Regolament ta' Delega 152/2013.

24. Barra minn hekk, rigward ir-riskju operazzjonali:

a) Ix-xenarji ta' pjan ta' rkupru ma għandhomx ikopru x-xenarji ta' reżiljenza operazzjonali li huma diġà koperti mill-politiki u l-proċeduri rilevanti meħtieġa mill-Artikolu 34 tal-EMIR (Politika għall-Kontinwità tal-Operat, Pjan ta' Rkupru minn Diżastri, Analiżi tal-Impatt fuq in-Negozju, Ġestjoni ta' Kriżijiet). Ix-xenarji ta' pjan ta' rkupru, madankollu, għandhom jinkludu, jekk jitqies rilevanti, xenarji li fihom il-miżuri ta' reżiljenza kollha li jagħmlu parti mill-politiki u mill-proċeduri meħtieġa mill-Artikolu 34 tal-EMIR jinqabżu, li jwassal għal falliment f'funzjoni kritika waħda jew aktar tas-CCP li jeċċedi r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament ta' Delega 153/2013;

b) Barra minn hekk, ix-xenarji ta' pjan ta' rkupru għandhom ikopru l-effetti tar-riskju sistemiku kkawżati minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jaffettwaw entitajiet li huma fornituri ta' servizzi għas-CCP.

## Linja Gwida 4: Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-deskrizzjoni tax-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP

25. Bil-għan li jiġi żgurat li l-firxa ta' xenarji ta' pjan ta' rkupru, dettaljati minn CCP, ikunu rilevanti u xierqa b'mod ġenerali, is-CCP għandha timmira li tinkludi l-informazzjoni meħtieġa fix-xenarji ta' pjan ta' rkupru tagħha biex tiddeskrivi ċ-ċirkostanzi u t-tipi u s-sorsi

ta' riskju rilevanti li jistgħu jpoġġu f'riskju l-kapaċità tas-CCP li twettaq il-funzjonijiet kritiċi tagħha. F'dan ir-rigward, is-CCP tista' tinkludi l-informazzjoni li ġejja meta tiddeskrivi x-xenarji, b'kont meħud tal-firxa differenti ta' xenarji:

a) It-tipi u s-sorsi ta' riskju rilevanti għax-xenarju; Dan jinkludi effetti sekondarji tax-xenarju li jistgħu jimmaterjalizzaw sakemm ir-riskju jkun rilevanti;

b) Jekk diversi tipi ta' entitajiet ikunu sorsi ta' riskju, kif huma identifikati u kif jistgħu jikkombinaw jew jinteraġixxu;

c) It-tip ta' impatti: telf finanzjarju, nuqqas ta' likwidità, theddida għall-vijabilità operazzjonali;

d) Iċ-ċirkostanzi speċifiċi li jistgħu jimmaterjalizzaw u jippreżentaw riskju lis-CCP; Ix-xenarju ma għandux jidentifika biss it-tipi u s-sorsi ta' riskju rilevanti iżda għandu jimmira wkoll li jispeċifika kif ir-riskji jistgħu jimmaterjalizzaw;

e) Kwalunkwe partikolarità speċifika tax-xenarju rigward il-passaġġ ta' propagazzjoni tat-telf rigward is-CCP jew partijiet ikkonċernati affettwati derivati minn segregazzjoni, iżolament jew kwalunkwe regola operazzjonali li taffettwa l-passaġġ ta' propagazzjoni tat-telf;

f) Kwalunkwe klawżola speċifika jew aspett legali ieħor tar-regoli operazzjonali tas-CCP jew il-qafas legali nazzjonali li jeħtieġ li jiġi kkunsidrat għax-xenarju;

g) Kwalunkwe ostaklu jew ċirkostanza li jistgħu joħolqu xkiel prattiku sostanzjali għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' rkupru.

## Linja Gwida 5: Żamma tax-xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP

26. Is-CCP għandha tirrieżamina u fejn meħtieġ taġġorna x-xenarji ta' pjan ta' rkupru tagħha, skont il-Linji Gwida 1-4, kull darba li s-CCP tirrieżamina l-pjan ta' rkupru tagħha f'konformità mal-Artikolu 9(9) tas-CCPRRR.

# VI. Annessi

***Tabella 1: Matriċi għat-tfassil tal-firxa ta' xenarji ta' pjan ta' rkupru tas-CCP***

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| **1. Avveniment ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju li jippropaga matul il-kaskata tal-inadempjenza tas-CCP b'ritorn għal valur kontabilistiku rikonċiljat permezz ta' għodod volontarji, ibbażati fuq is-suq**<br><br>*(Dan ix-xenarju għandu jkopri s-sitwazzjoni tas-CCP li jkollha tassorbi telf permezz tal-kaskata tagħha minħabba li membri tal-ikklirjar u/jew CCPs interoperabbli jsiru* | a) Il-ħtieġa li s-CCP tassorbi telf li jeċċedi r-riżorsi prefinanzjati kalibrati ma' xenarji estremi iżda plawżibbli permezz tal-qafas ta' testijiet tal-istress tagħhom, jew minħabba għadd akbar ta' inadempjenzi mir-rekwiżit cover-2, xokkijiet akbar milli proġettati jew kostijiet ta' likwidazzjoni tal-portafolji tal-inadempjenti aktar milli proġettati, jew inkella minħabba riżorsi eżawriti minn avveniment preċedenti li għadhom ma ġewx rikostitwiti. | d) L-eżistenza ta' karatteristiċi rigward l-istruttura tal-fond tal-inadempjenza, regoli tal-kaskata jew regoli ta' iżolament applikabbli li jwasslu għal passaġġi ta' propagazzjoni tat-telf differenti.<br><br>e) Meta l-effett ta' inadempjenzi li jseħħu f'intervalli ta' żmien differenti jista' jaffettwa b'mod differenti s-CCP fid-dawl tar-regoli operazzjonali tas-CCP u l-imġiba possibbli ta' | g) Is-CCPs għandhom jużaw bħala punt ta' tluq il-qafas eżistenti ta' xenarji ta' test tal-istress, peress li għandu jkun diġà adattat għall-prodotti kklirjati mill-entità u għandu jkopri b'mod komprensiv xokkijiet tas-suq idjosinkratiċi u sistemiċi li jistgħu jkunu sors ta' stress.<br><br>h) Bl-użu ta' sett eżistenti ta' xenarji ta' test tal-istress tas-CCPs, is-CCP għandha tuża metodoloġija ta' ttestjar tal-istress invers biex iżżid ix-xenarji, tikkwantifika t-telf potenzjali u tivvaluta l-eżiti possibbli. |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| *inadempjenti fil-ħlasijiet tagħhom.)* | b) Il-ħtieġa għas-CCP li tirrikostitwixxi riżorsi prefinanzjati.<br><br>c) Kwalunkwe kost imġarrab matul il-proċess, inkluż il-proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza jew kwalunkwe kost mill-ġestjoni tal-ħtiġijiet ta' likwidità. | membri tal-ikklirjar mhux inadempjenti.<br><br>f) Il-possibilità ta' tensjonijiet ta' likwidità fis-suq kollu li jkollhom impatt fuq id-disponibbiltà fil-pront ta' għodod volontarji bbażati fuq is-suq. | i) Ittestjar tal-istress invers jista' jqis:<br><br>o Għadd ta' inadempjenzi akbar minn tnejn u firxa usa' ta' entitajiet inadempjenti;<br><br>o Xokkijiet aktar severi minn dawk speċifikati fis-sett eżistenti ta' xenarji ta' test tal-istress;<br><br>o Kostijiet miżjuda mil-likwidazzjoni ta' portafolli, jew minħabba impatt akbar mil-likwidazzjoni tas-suq jew minħabba diffikultajiet fl-allokazzjoni ta' pożizzjonijiet matul il-proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza;<br><br>o Żidiet fis-severità ta' suppożizzjonijiet oħrajn li |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| | | | minnhom jiddependu x-xenarji tal-istress, bħar-riskju ta' dekorrelazzjoni. |
| **2. Avveniment ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju bi proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza li jeħtieġ l-użu ta' arranġamenti obbligatorji, ibbażati fuq ir-regoli (kif stabbiliti fil-pjan ta' rkupru tas-CCP) sabiex jerġa' jiġi stabbilit valur kontabilistiku rikonċiljat.**<br><br>*(Dan ix-xenarju jindirizza s-sitwazzjoni li fiha s-CCP ma tistax terġa' tistabbilixxi valur kontabilistiku rikonċiljat permezz ta'* | a) Avvenimenti potenzjali li jistgħu jaffettwaw il-proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza li jwasslu għal diffikultajiet biex jerġa' jiġi stabbilit valur kontabilistiku rikonċiljat jew li jgħollu l-kostijiet biex dan isir. Għandu jqis:<br><br>o L-obbligi tal-membri tal-ikklirjar rigward il-proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza;<br><br>o Nuqqas potenzjali ta' aptit għar-riskju fis-suq għall-portafolli rkantati;<br><br>o Diffikultà possibbli biex jiġi aċċessat is-suq (eż. | b) Meta skont is-sors jew iċ-ċirkostanzi tal-kwistjonijiet ikun hemm differenza materjali fil-miżuri ta' rkupru disponibbli, l-ordni tal-użu, il-passaġġ ta' propagazzjoni tat-telf jew l-impatt fuq il-partijiet ikkonċernati.<br><br>c) Avvenimenti ta' riskju operazzjonali potenzjali li jistgħu jaffettwaw il-proċess ta' ġestjoni tal-inadempjenza. | d) L-istess bħat-tip ta' xenarju 1, iżda li jservi ta' mudell għall-impatt tal-arranġamenti obbligatorji bbażati fuq ir-regoli. |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| *għodod volontarji bbażati fuq is-suq u teħtieġ l-użu ta' arranġamenti obbligatorji bbażati fuq ir-regoli bħal sejħa għal flus, haircutting tal-marġni ta' varjazzjoni, allokazzjoni forzata jew tqattigħ ta' kuntratti.*) | minħabba l-likwidità tas-suq) jew għall-pożizzjonijiet ikklirjati jew għall-kollateral, jew it-tnejn. | | |
| **3. Avveniment mhux ta' inadempjenza li jipprevjeni lis-CCP milli twettaq il-funzjonijiet kritiċi tagħha**<br><br>*(Dan ix-xenarju jindirizza s-sitwazzjoni ta' avveniment mhux ta' inadempjenza li jipprevjeni lis-CCP milli tkompli twettaq is-servizzi.)* | a) Avvenimenti operazzjonali jew avvenimenti oħrajn li jistgħu jxekklu:<br>o L-attivitajiet ta' kklirjar (eż. li jaffettwaw in-novazzjoni tal-kummerċ);<br>o Ġestjoni tal-kollateral (eż. ir-riċeviment jew ir-ritorn ta' kollateral). | b) Kif dawn jiġu mitigati minn soluzzjonijiet ta' riżerva.<br>c) Kif il-membri tal-ikklirjar jew l-FMIs konnessi jistgħu jiġu milquta. | d) L-użu ta' ġudizzju espert biex jiġi vvalutat it-tul ta' żmien tat-tfixkil u l-impatt ta' FMIs oħrajn.<br>e) Valutazzjoni ta' jekk ir-ritorn għan-normal huwiex possibbli għalkollox wara perjodu ta' nondisponibbiltà. |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| | | | f) L-effettività ta' mitiganti bħal sistemi ta' pagament ta' riżerva. |
| **4. Avveniment mhux ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju**<br><br>*(Dan ix-xenarju jindirizza s-sitwazzjoni ta' avveniment mhux ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju li aktarx inaqqas proporzjon sinifikanti tar-riżorsi kapitali tas-CCP.)* | a) Telf finanzjarju li jista' jkollu impatt immedjat jew differit fuq is-CCP jew il-parteċipanti tagħha minħabba kwalunkwe:<br><br>o Telf ta' investiment;<br><br>o Telf li jirriżulta minn fallimenti ta' kustodji ta' titoli jew ta' banek tas-saldu;<br><br>o Telf ikkawżat minn frodi, serq jew imġiba ħażina oħra ta' impjegati u/jew partijiet terzi; | b) Meta jkun hemm struttura ta' grupp fir-rigward tas-saffi ta' kapital jew għodod disponibbli biex jassorbu t-telf, għandhom jinħolqu xenarji speċifiċi li jikkontemplaw fallimenti potenzjali fl-eżekuzzjoni ta' ftehimiet tal-grupp, impenji kuntrattwali, garanziji ta' superjuri jew dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn (f'konformità mal-Artikolu 9(13) tas-CCPRRR).<br><br>c) Meta skont is-sors jew iċ-ċirkostanzi tat-telf ikun hemm differenza materjali fil-miżuri ta' rkupru | g) Is-sorsi varji ta' telf mhux minħabba inadempjenza huma differenzjati ħafna u jistgħu jitolbu approċċi differenti.<br><br>h) Is-CCPs jistgħu jużaw analiżi tax-xenarju b'ġudizzju espert biex jistmaw telf mhux minħabba inadempjenza potenzjali taħt xenarji estremi iżda plawżibbli li ġejjin minn sorsi ta' riskju differenti.<br><br>i) Is-CCPs jistgħu juru x-xewqa li jużaw simulazzjoni ta' kriżi u eżerċizzju ta' test tal-istress biex jivvalutaw jekk l-approċċi suġġeriti tagħhom biex jassorbu bis-sħiħ it-telf |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| | o Telf li jirriżulta minn attakki ċibernetiċi;<br><br>o Telf li jirriżulta minn fallimenti operazzjonali jew tas-sistemi;<br><br>o Riskju ta' negozju ġenerali;<br><br>o Kwalunkwe telf mhux inadempjenti ieħor applikabbli għas-CCP. | disponibbli, l-ordni tal-użu, il-passaġġ ta' propagazzjoni tat-telf jew l-impatt fuq partijiet ikkonċernati.<br><br>d) Meta applikabbli, l-obbligi tal-membri tal-ikklirjar f'termini ta' allokazzjoni ta' telf għal tipi speċifiċi ta' riskji ta' telf mhux minħabba inadempjenza.<br><br>e) Kwalunkwe tip ieħor ta' finanzjament minn parti terza (eż. assigurazzjoni), li jikkontempla distakki potenzjali fil-finanzjament, dewmien jew falliment fil-pagamenti.<br><br>f) Għodod ibbażati fuq is-suq biex is-CCP terġa' tiġi kapitalizzata, u l-affidabbiltà prospettiva | mhux minħabba inadempjenza u jikkapitalizzaw mill-ġdid lis-CCP ikunux komprensivi u kredibbli. |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| | | tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' stress estrem. | |
| **5. Avveniment ta' inadempjenza li jikkawża nuqqas ta' likwidità**<br><br>*(Dan ix-xenarju jindirizza s-sitwazzjoni ta' avveniment mhux ta' inadempjenza li jikkawża telf finanzjarju li aktarx inaqqas proporzjon sinifikanti tar-riżorsi kapitali tas-CCP.)* | a) Nuqqasijiet ta' likwidità li jistgħu jirriżultaw minn numru ta' inadempjenzi ta' membri tal-ikklirjar ta' aktar minn tnejn, xokkijiet tas-suq akbar milli proġettati mill-qafas ta' ttestjar tal-istress tas-CCP jew il-kostijiet ta' likwidazzjoni tal-portafolli tal-inadempjenti aktar milli proġettati.<br><br>b) Ħtiġijiet ta' likwidità tal-finanzjament operazzjonali u żidiet potenzjali f'dawn il-ħtiġijiet | c) L-eżistenza ta' għodod użati bħala parti mill-qafas ta' likwidità f'sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu, li d-disponibbiltà tagħhom tiddependi minn partijiet terzi, entitajiet tal-grupp jew aċċess ġenerali għas-swieq finanzjarji u li l-falliment tagħhom ikollu impatt materjali fuq il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-likwidità tas-CCP. | d) Ittestjar tal-istress tal-likwidità invers bl-użu ta' prinċipji simili għal dawk deskritti fl-għodod kwantitattivi tat-tip ta' xenarju 1 għall-kalkolu tal-ħtiġijiet ta' likwidità potenzjali.<br><br>e) Analiżi tax-xenarju biex jiġi vvalutat l-impatt mill-falliment ta' għodod ta' likwidità użati fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' likwidità li jiddependu minn partijiet terzi, entitajiet tal-grupp jew aċċess ġenerali għas-swieq finanzjarji. |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| | minħabba inadempjenzi ta' membru tal-ikklirjar. | | f) Valutazzjoni tar-riskju u analiżi tax-xenarju tal-FMIs, fornituri ta' servizzi u entitajiet interkonnessi. |
| **6. Avveniment mhux ta' inadempjenza li jikkawża nuqqas ta' likwidità**<br><br>*(Dan ix-xenarju jindirizza s-sitwazzjoni li fiha jkun hemm avveniment mhux ta' inadempjenza li joħloq nuqqas ta' likwidità li jeċċedi l-għodod ta' ġestjoni tal-likwidità għal sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu).* | a) Nuqqasijiet ta' likwidità ġġenerati bħala riżultat ta' entità li tista' tfalli minħabba raġunijiet finanzjarji jew operazzjonali mil-lista prevista fil-Linja Gwida 2, u li bħala riżultat tiġġenera xokk tal-likwidità għas-CCP.<br><br>b) Ħtiġijiet ta' likwidità tal-finanzjament operazzjonali u żidiet potenzjali f'dawn il-ħtiġijiet minħabba falliment ta' | c) L-eżistenza ta' entitajiet multipli mil-lista prevista fil-Linja Gwida 2 li l-falliment operazzjonali tagħhom jikkawża impatt ta' likwidità materjali lis-CCP.<br><br>d) L-eżistenza ta' għodod użati bħala parti mill-qafas ta' likwidità f'sitwazzjoni ta' negozju bħas-soltu, li d-disponibbiltà tagħhom tiddependi minn partijiet terzi, entitajiet tal-grupp jew aċċess ġenerali għas-swieq finanzjarji u li l-falliment tagħhom ikollu | f) Ittestjar tal-istress tal-likwidità invers bl-użu ta' prinċipji simili għal dawk deskritti fl-għodod kwantitattivi tat-tip ta' xenarju 1 (bl-eċċezzjoni tal-elementi tat-testijiet tal-istress inversi li jiddeskrivu l-membri tal-ikklirjar inadempjenti) għall-kalkolu tal-ħtiġijiet ta' likwidità potenzjali.<br><br>g) Analiżi tax-xenarju biex jiġi vvalutat l-impatt mill-falliment ta' għodod ta' likwidità użati fil-qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' likwidità li jiddependu fuq |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| | entitajiet previsti fil-Linja Gwida 2. | impatt materjali fuq il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-likwidità tas-CCP.<br><br>e) Differenzi fil-miżuri ta' rkupru disponibbli, l-ordni tal-użu jew l-impatt fuq partijiet ikkonċernati li jiddependu mit-tip ta' entità jew avveniment li jiġġenera n-nuqqas ta' likwidità. | partijiet terzi, entitajiet tal-grupp jew aċċess ġenerali għas-swieq finanzjarji.<br><br>h) Valutazzjoni tar-riskju u analiżi tax-xenarju tal-FMIs, fornituri ta' servizzi u entitajiet interkonnessi. |
| **7. Avveniment(i) li jikkawżaw telf minħabba inadempjenza u telf mhux minħabba inadempjenza simultanji**<br><br>*(Dan ix-xenarju jindirizza s-sitwazzjoni li fiha jkun hemm telf* | a) Kif iż-żewġ passaġġi ta' propagazzjoni tat-telf (permezz tal-kaskata għal telf minħabba inadempjenza u permezz tal-kapital tas-CCP għal telf mhux minħabba inadempjenza) jaġixxu u | b) Meta jkun hemm entitajiet speċifiċi li huma sorsi materjali kemm ta' telf minħabba inadempjenza kif ukoll ta' telf mhux minħabba inadempjenza, xenarji speċifiċi li janalizzaw l-effetti tal-avvenimenti ta' | e) Kombinazzjonijiet ta' għodod mit-tipi ta' xenarji 1, 2, 3 u 4. |

| Tipi ta' Xenarji | Kwistjonijiet u aspetti li għandhom jitqiesu fit-tfassil tax-xenarju | Fatturi għall-evalwazzjoni tal-ħolqien ta' xenarji addizzjonali | Għodod ta' valutazzjoni kwantitattiva |
|---|---|---|---|
| *minħabba inadempjenza u telf mhux minħabba inadempjenza konkorrenti bħala riżultat ta' avveniment waħdieni jew bħala riżultat ta' avvenimenti multipli li jseħħu f'perjodu ta' żmien ridott.)* | potenzjalment jikkonverġu. | inadempjenza li jaffettwaw dawn l-entitajiet jistgħu jkunu rilevanti.<br><br>c) Meta t-telf mhux minħabba inadempjenza jkun se jinġarr mill-membri tal-ikklirjar u b'hekk jaffettwa l-passaġġ ta' propagazzjoni tat-telf.<br><br>d) Meta jkun hemm differenzi materjali bejn kombinazzjonijiet differenti ta' avvenimenti ta' inadempjenza u dawk mhux ta' inadempjenza fir-rigward tal-għodod disponibbli, l-użu tal-għodod, il-passaġġi tat-telf jew l-impatt fuq il-partijiet ikkonċernati. | |